MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru. 721/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Sandro (Alexander George) Schembri Adami**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sandro (Alexander George) Schembri Adami ta' 41 sena bin Franz u Yvonne nee' Brincat, mwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963 u residenti f' numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta tal-identita' numru 488863 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer, f’ Mejju tas-sena 2005 u fix-xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta’ flus li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta’ Jesmond Borg, Joseph Bonello, Emmanuela Bonello u l-ahwa Caruana ulied il-mejtin Joseph u Emmanuela nee’ Scerri ; Remo Joseph Camilleri ; Michael D’ Amato ; Godfrey Zahra, Carol Zahra, Joseph Borg u Kenneth Borg ; Anthony Vidal, Mary Rose Vidal, Wilfred Borg u Doreen Borg ; Maria Psaila u Doris Psaila ; Alan Agius u Monique Debattista ; Keith Farrugia u Moira Mizzi ; Victor Borg u Carmela Borg ; Christopher Farrugia u l-eredi tieghu, George Ciappara u Carmen Ciappara ; u Marvic Formosa ; liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, u liema flus gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu ;

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b’taghkis ta’ haddiehor.
Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa ukoll akkuzat

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar Pubbliku, naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att Dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ;

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa aktar akkuzat :

Fl-istess perjodu u cirkostanzi, fil-kapacita’ tieghu ta’ Nutar Pubbliku, naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 30 (1) (a), 140 u 141 tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet finalment gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta' April 2007 (esebita a fol. 316 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 18, 293, 294 u 141 tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18, 138 u 140 tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 43(a)(b) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 50 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikolu 30 (1) (a) tal-Kodici Kriminali ;
(f) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li fis-seduta tas-26 Gunju 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fl-udjenza tat-18 ta' Dicembru 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-

tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat b'misapproprijazzjoni ta' flus rigwardanti tnax-il rapport separat li l-Pulizija rceviet minghand individwi differenti li lkoll huma indikati fl-akkuza u li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri. L-imputat jinsab akkuzat ukoll talli il-kapacita' tieghu ta' Nutar Pubbliku huwa naqas li jhallas it-taxxa dovuta taht id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti u taht l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Mill-provi rrizulta li l-imputat fil-kwalita' tieghu ta' Nutar Pubbliku kien qed jircievi l-flus dovuti bhala Taxxa jew Provisional Capital Gains minghand il-partijiet f'kuntratti li kien qed jippubblika u kien qed jonqos milli jghaddi l-flus relattivi lid-Dipartiment tat-Taxxa. F'hafna mill-kazijiet li jifformaw il-mertu tal-kaz odjern il-partijiet kellhom jergghu ihallsu l-ammonti mill-gdid lid-Dipartiment tat-Taxxa sabiex il-kuntratt relattiv jigi insinwat u jigu salvagwardjati d-drittijiet taghhom. L-ammont globali allegatament misapproprijat fit-tnax ir-rapport li jifformaw il-mertu tal-kaz odjern ilahhqu kumplessivament is-somma ta' Lm31,456.79 (€73,274.61). L-imputat irrilaxxja diversi stqarrijiet (esebiti in atti minn fol. 29 sa fol. 86) fejn dejjem ikkopera mal-Pulizija u ammetta li kien zamm il-flus relattivi u spjega li kien ghamel dan sabiex ihallas taxxa dovuta fuq kuntratti ohrajn u dan peress li kellu diffikultajiet finanzjarji minhabba infiq esagerat fil-politika.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu mhux biss

ghaliex huwa rregistra ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ghall-istess akkuzi izda anki ghaliex dawn l-akkuzi jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi kemm ghaliex xehdu l-parti civili kollha nvoluti kif ukoll ghaliex l-istess imputat kien ammetta fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati lil Pulizija li huwa kien zamm il-flus koncernati minghajr ma ghaddihom lid-Dipartiment tat-Taxxa u minghajr ma nsinwa il-kuntratti relattivi.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idoneja fic-cirkostanzi. Meta gie ntavolat il-kaz odjern l-imputat kellu fedina penali netta kif jirrizulta mill-atti u d-Difiza issostni li huwa ghamel perijodu bejn l-2002 u l-2005 fejn kellu diffikultajiet finanzjarji u diffikultajiet ohra izda mbaghad wara li huwa tressaq il-Qorti ma baqghax jippersisti fl-agir tieghu. Id-Difiza ssostni wkoll li peress li illum il-gurnata saru diversi ordnijiet ta’ interdizzjoni minn dawn il-Qrati kontra l-imputat huwa illum il-gurnata ma jistghax ikompli jahdem u l-mezzi tieghu huma limitati u ikun difficli ghalih li jhallas l-ammonti kollha dovuti lil vittmi fi zmien qasir. Il-Qorti filwaqt li jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi anki ghaliex l-imputat kellu fedina penali netta meta tressaq il-Qorti bl-akkuzi odjerni u anki ghaliex huwa kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn ammetta dak li kien qed jigi allegat fil-konfronti tieghu, jidrilha wkoll li ghandha tissalvagwardja l-interess tal-vittmi billi timponi piena karcerarja sospiza izda billi tapplika wkoll l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn tordna lill-imputat ihallas lura lill-vittmi l-ammonti minnu misapproprijati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tat-30 ta’ April 2007 u senjatament l-Artikoli 18, 293, 294, 141,138, 140 u 30(1)(a) tal-Kodici Kriminali. l-Artikolu 43(a)(b) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 50 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li

b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' erba' (4) snin millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas l-ekwivalenti f'Ewro tas-segwenti ammonti lill-imsemmija persuni;

l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1700 lil Jesmond Borg;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1725 lil Joseph u Emmanuela Bonello;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm3045 lill-ahwa Caruana eredi tal-mejtin Joseph u Emanuela Caruana;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm750 lil Remo Joseph Camilleri;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm450 lil Michael D' Amato;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm965 lil Godfrey Zahra u Carol Zahra;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1610 lil Joseph Borg u Kenneth Borg;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1025 lil Anthony Vidal u Mary Rose Vidal;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1025 lil Wilfred Borg u Doreen Borg;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm1550 lil Maria Psaila u Doris Psaila;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm2950 lil Alan Agius u Monique Debattista;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm10,016.79 lil Keith Farrugia u Moira Mizzi;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm2815 lil Victor Borg u Carmela Borg;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm740 lill-eredi ta' Christopher Farrugia;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm840 lil George Ciappara u Carmen Ciappara;
l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm250 lil Marvic Formosa;

Barra minn hekk il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali u perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 140 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti inoltre tordna li estratt ta’ din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------